MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2014

Avviz Numru. 244/2013

**Id-Direttur, Qrati Civili u Tribunali bhala Registratur, Qrati u Tribunali Civili**

**vs**

**W&M Zammit Tabone Limited (C-723)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar it-22 ta' Awwissu 2013 li permezz tieghu d-Direttur, Qrati Civili u Tribunali bhala Registratur, Qrati u Tribunali Civili talab lill-Qorti:

*1. "Illi permezz ta' ittra ufficjali intavolata nhar l-10 ta' Dicembru 2010, Lorraine Calleja (ID 349778M) interpellat lil zewgha Patrick Calleja, sabiex ihallas l-ammont ta' tlett elef, disa' mija u tlieta u sebghin ewro u tlieta u tletin centezmu (Eur 3,973.33) rapprezentanti l-awment, skond*

*l-gholi tal-hajja, fuq l-ammont ta' manteniment dovut mill-istess Patrick Calleja lil martu ghall-erbat itfal minuri taghhom, u dan skond ma jirrizulta fil-kuntratt ta' separazzjoni personali ta' bejniethom redatt fl-atti tan-Nutar Nicholas Vella nhar il-21 ta' Dicembru 2004; oltre l-ispejjez u l-imghax legali mid-data tal-ittra;*

*2. Illi l-imsemmi Patrick Calleja qatt ma ikkontesta dina l-ittra ufficjali izda cio nonostante baqa' ma hallasx l-ammont minnu dovut;*

*3. Illi ghaldaqstant, in vista tal-inadempjenza da parti ta' Patrick Calleja, Lorraine Calleja, sabiex tenforza d-drittijiet taghha kontra zewgha fir-rigward ta' din is-somma, talbet u ottjeniet il-hrug ta' Mandat ta' Sekwestru numru 965/2011 fl-ismijiet* **<u>Lorraine Calleja vs. Patrick Calleja;</u>**

*4. Illi l-mandat surriferit gie notifikat lis-socjeta' intimata illi maghha kien impjegat Patrick Calleja;*

*5. Illi permezz ta' rikors ipprezentat fl-atti tal-imsemmi mandat nhar it-12 ta' Mejju 2011, Lorraine Calleja wara illi ppremettiet li s-socjeta' intimata, minkejja li kienet debitament notifikata bil-mandat sudett, naqset milli tiddepozita s-salarju ta' Patrick Calleja, talbet lill-dina l-Onorabbli Qorti joghgobha ssib lis-socjeta' intimata hatja ta' disprezz lejn l-awtorita' taghha.*

*6. Illi r-rikors sudett gie dekretat nhar it-13 ta' Mejju 2011, b'dana illi s-socjeta' intimata giet ordnata sabiex fiz-zmien hamest ijiem mid-data tan-notifika ta' tali digriet tadempixxi mal-ordni moghtija lilha bhala sekwestratarju.*

*7. Illi nonostante illi s-socjeta' intimata giet debitament notifikata bid-digriet sudett, hija naqset milli taderixxi mal-ordni moghtija lilha fl-istess digriet.*

*8. Illi konsegwentament, permezz ta' digriet moghti minn dina l-Onorabbli Qorti nhar is-16 ta' Frar 2012, dina l-istess Qorti, wara li rat illi s-socjeta' intimata naqset milli tosserva l-ordni precedent tal-Qorti ghalkemm notifikata*

*bid-digriet tat-13 ta' Mejju 2011, sabet illi l-istess socjeta' intimata hatja ta' disprezz lejn l-awtorita' taghha u ordnat lill-esponent sabiex jiehu dawk il-proceduri opportuni a tenur tal-**Art 1003A tal-Kap. 12** tal-Ligijiet ta' Malta kontra l-intimata.*

*9. Illi in adempiment ma' tali ordni l-esponenti qed jintavola r-rikors odjern.*

*Ghaldaqstant in vista tas-suespost, tghid is-socjeta' intimata ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna illi:*

*1. Issib lis-socjeta' intimata hatja ta' disprezz kontra l-awtorita' taghha ai termini tal-**artikolu 997 tal-Kap 12** tal-Ligijiet ta' Malta;*
*2. Tikkundanna lis-socjeta' intimata ghall-pieni ndikati fl-istess artikolu u tikkundannaha ghall-prigunerija ghal zmien sa xahar jew ghal multa ta' mhux inqas minn mitejn u tlieta u tletin ewro (€233) u mhux aktar minn elfejn tlett mija u tletin ewro (€2,330) jew ghall-multa u prigunerija flimkien;*
*3. Timponi kwalunkwe ordni ohra mehtiega fuq is-socjeta' intimata ai termini tal-**artikolu 997 sub-artikolu (2) tal-Kap. 12** tal-Ligijiet ta' Malta nkluz billi tiffissa zmien perentorju sakemm dawn l-istess ordnijiet ghandhom jigu sodisfatti mill-istess socjeta' intimata;*

*Bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta' intimata li hi minn issa ngunta ghas-subizzjoni u bir-riserva ta' kull dritt ta' azzjoni ulterjuri skond il-ligi.*

Rat ir-risposta tas-socjeta' intimata W&M Zammit Tabona Limited ipprezentata fid-19 ta' Novembru 2013 fejn eccepiet:

*1. "Illi din l-azzjoni mhix a disposizzjoni tal-attur skond il-ligi kontra s-socjeta' konvenuta.*
*2. Illi f'kull kaz u minghajr pregudizzju ma jezistux l-estremi ta' disprezz anke fic-cirkostanzi deskritti fl-azzjoni attrici.*

*3. Illi s-socjeta' konvenuta f'kull kaz ma kissret l-ebda provvediment tal-ligi fl-agir taghha in segwitu tal-hrug tal-Mandat ta' Sekwestru in kwistjoni.*
*Salv eccezzjonijiet ohra."*

Semghet ix-xhieda ta' Lorraine Calleja prodotta mir-rikorrent nhar is-16 ta' Jannar 2014 fejn iddikjarat li in segwitu tal-Mandat li hija intavolat kontra r-ragel taghha Patrick Calleja, hija ghadha ma thallset xejn minghandu.

Semghet lill-avukat difensur tas-socjeta' intimata jittratta l-ewwel eccezzjoni tieghu u jghid li l-azzjoni odjerna ai termini ta' l-**Artikolu 997 tal-Kapitolu 12** qatt ma setghet tigi inizjata kontra s-socjeta' inimata u dan ghaliex tali azzjoni hija ta' natura penali u ghalhekk ma tistax ikollha effett fuq socjeta' kummercjali. Illi waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza tqajjem il-punt illi s-socjeta` konvenuta, peress illi hija socjeta`, ma tistax tinstab hatja ta' disprezz lejn l-Awtorita` ta' din il-Qorti u dan ghaliex sostna li socjeta` kummercjali mhix responsabbli ghal delitti.

**Ikkunsidrat:**

Illi tajjeb li jigi rilevat illi l-kawza odjerna titratta dwar kawza ta' disprezz lejn l-Awtorita` tal-Qorti. Bhala tali taqa' taht id-dispozizzjonijiet tal-**Artikoli 988** sa **1003A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta,** u dwar il-principji li jirregolaw l-istess istitut qed issir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet '**Registratur tal-Qorti Superjuri vs Dolores sive Didi Busietta**', deciza minn din il-Qorti kif presjeduta fit-18 ta' Ottubru 2000 (Citaz. Numru. 1914/98/RCP).

Illi fl-istess sentenza giet citata d-decizzjoni '**Catherine Portelli vs Joseph Cachia et noe**', deciza mill-Qorti tal-Appelli Kummercjali nhar it-28 ta' Jannar 1991fejn inghad li tali artikoli huma ntizi sabiex:

"*Tiddisponi li certi atti jikkostitwixxu disprezz lejn l-Awtorita` tal-Qorti u tippreskrivi l-pieni li ghandhom jigu nflitti fuq min jinsab li jkun ikkommetta xi att minn dawk. F'dawn il-kazijiet il-ligi tispecifika l-pieni tac-canfira, ammenda jew multa, jew tad-detenzjoni preskritti mill-*

*Kodici Kriminali. Mill-premess jidher car li dan il-procediment huwa ta' indoli kriminali. Il-fatt li l-istess procediment gie introdott b' citazzjoni, cjoe` l-att li ordinarjament jintuza f'azzjonijiet civili, u ma jnehhi xejn minn natura kriminali. Ic-citazzjoni f' dan il-kaz m'hija xejn hlief it-tahrika ta' "l-akkuzat" biex jidher biex iwiegeb ghall-akkuza".*

Illi wkoll jinghad li l-procediment odjern huwa skond is-sentenza fl-ismijiet '**Il-Qorti vs Antoine R. Camilleri'** moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar id- 9 ta' Novembru 1990 fejn inghad li:

"*Stabbilit mill-ligi, aktar milli bl-iskop li tigi kustodita d-dinjita` tal-Qorti, biex tigi tutelata l-amministrazzjoni tajba tal-gustizzja*."

Illi ovvjament dawn ir-regolamenti huma mehtiega sabiex tinzamm l-ordni tant li l-Qorti fis-sentenza taghha '**Il-Qorti vs George Galea'** deciza mill-Qorti tal-Appelli nhar l-14 ta' Marzu 1988 (LXXII.ii.228) sostniet:

*"li jehtieg li kulhadd jifhem tajjeb li biex tinzamm il-buon ordni f'socjeta' hadd ma jista' jmur kontra l-ligi. Il-konvenut ma kellu l-ebda dritt li jinjora l-inibizzjoni tal-Qorti, qallu x'qallu haddiehor".*

Illi skond kif intqal fis-sentenza '**Dr. Louis Vella proprio et nomine vs Joseph Gatt**', (P.A. (RCP) 29 ta' Mejju 2001) dan ifisser *"li tali regolamenti qeghdin hemm sabiex b'mod effettiv jigi accertat li hadd ma jista' jmur kontra l-ligi u jinjora l-ordnijiet li taghti il-Qorti'.*

Illi l-proceduri t'allegazzjoni ta' disprezz lejn l-Awtorita' tal-Qorti mertu tal-kawza odjerna gew istitwiti kontra s-socjeta' W&M Zammit Tabona Limited li hija kkonsidrata bhala socjeta' privata u bhala tali tagixxi bhala persuna li tista' titharrek u tharrek *inter alia* dwar delitti jew kwazi delitti u ghalhekk isegwu il-principji li gew stabbiliti u kkonfermati fil-kuntest ta' persuni legali skond kif inghad fis-sentenza **"Registratur tal-Qrati Superjuri vs Silvio**

**<u>Camilleri et</u>”** (P.A. (RCP) 17 ta’ Jannar 2001) fejn inghad li:

*“Illi ghalhekk il-principju hu ben stabbilit li socjeta` kummercjali tista’ tinstab responsabbli ghal delitt jew kwazi delitt. Dak li ghadu pjuttost diskutibbli fil-gurisprudenza huwa jekk l-att li ta’ lok ghad-danni ghandux ikun ultra vires jew intra vires”.*

M'hemmx dubju li l-procediment ta' disprezz huwa wiehed ta' natura penali kif tajjeb osserva l-avukat difensur tas-socjeta’ intimata, ukoll jekk jiehdu s-sura ta' proceduri civili.

Dan igib mieghu illi kull ma tghid il-ligi dwar dan l-istitut ghandu jithares skond il-kelma tal-ligi u l-ispirtu li jhares il-jeddijiet tal-"akkuzat" f'dak kollu li jista' jitqies ta' natura penali. Ghalhekk mhux permess li l-istitut tar-rispett li ghandu jingieb lill-Qorti jitwessa' b'analogija, tixbieh jew tehid minn min ikun ta' inizzjativa li ma hix moghtija lilu mil-ligi. Kien minhabba f'hekk li l-bidliet fil-ligi procedurali fl-1995 stabbilew min ghandu jedd jibda tali proceduri u f'liema cirkostanza, wara zmien twil fejn kien dibattut f'ghadd ta' sentenzi l-problema tal-agent legittimu ta' proceduri bhal dawn.

Il-ligi tfisser min ghandu jibda proceduri ta' disprezz fl-A**rtikolu 1003A tal-Kapitolu 12**. F'dak l-artikolu persuna wahda ghandha din is-setgha u dik il-persuna m'hijiex individwu privat jew persuna li tallega li nkisrulha l-jeddijiet taghha. Dik il-persuna wahdanija moghtija s-setgha li tibda tali proceduri u li titqies bhala attur fihom hija r-Registratur tal-Qrati. Hemm modi kif persuna, li thoss li sar kontra taghha ghemil li jista' jitqies bhala wiehed li jikkwalifika bhala disprezz lejn il-Qorti, tigbed l-attenzjoni tar-Registratur biex jibda l-proceduri mehtiega.

Il-process ghad-disprezz jimxi indipendentement minn dak civili, u li l-ghanijiet tieghu jmorru lil hinn minn kull kwestjoni, ewlenija jew ancillari, li wiehed jistenna li sejrin ikunu meqjusin minn Qorti jew tribunal investit bis-smigh tal-process civili.

Il-mottivi li jwasslu persuna biex iggib ruhha b'mod li jidher li qieghed jisfida ordni ta' Qorti jistghu biss ikollhom effett fuq l-apprezzament tal-"animus" tal-persuna mixlija b'disprezz. Dan jghodd ukoll jekk il-mottiv li jgieghel lil xi hadd jikser ordni ta' Qorti jkun wiehed li ta' min jissimpatizza mieghu. Huwa mehtieg li jintwera li l-persuna li tkun kisret l-ordni ta' Qorti kienet taf li qeghda taghmel hekk.

L-interess socjali u l-buon ordni pubbliku jitolbu li ordnijiet bhal dawk tal-Qorti jigu obduti u li kienu x'kienu r-ragunijiet li wasslu lill-imharrek biex agixxa kontra dak l-ordni m'ghandhomx ikunu raguni tajba biex dak il-ksur jigi skuzat.

Fis-sentenza ‘**Bonello vs Onor. Prim Ministru et**’, deciza mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta’ Frar 1997 inghad li “*l-istitut li jirrigwarda r-rispett li ghandu jingieb lill-Qorti (Titolu XVII tal-Kap.12) hu ta’ natura penali u hu mahsub biex jassigura l-buon ordni u d-dekor fil-kondotta tal-procedura. Hu istitut li jimponi sanzjonijiet u pieni fuq min jonqos mir-rispett lejn l-Awtorita’ tal-Qorti”.*

Wahda mill-poteri ewlenin ta’ kull Qorti hija dik li taghti ordnijiet. Il-ksur ta’ kull ordni jikkostitwixxi disprezz lejn l-awtorita’ li bis-sahha taghha tkun inghatat dik l-ordni (**C.J. Miller –** ***Contempt of Court*** – 2nd Edition 1990 – 25-29). L-interess socjali u l-buon ordni pubbliku jesigu li l-ordnijiet tal-Qorti jigu obduti u jigu kontrarjati u puniti l-infrazzjonijiet ghal dawk l-ordnijiet (**Vol.XXIX.II.1023; Camilleri noe vs Vella** – Qorti tal-Appell – 7 ta’ Ottubru1997).

Ikompli jghid l-awtur **C.J. Miller**:

*“One general point must be emphasised with respect to such positive or mandatory orders. That is that the power to commit for contempt will be used only in an extreme case and where it is necessary to make the order effective …civil contempt of Court exists thereof to provide the ultimate sanction against a person who refuses to comply*

*with the order of a properly constituted Court ... but as Lord Diplock has recognised there is also an element of public policy in punishing civil contempt, since the administration of justice would be undermined if the order of any Court of Law could be disregarded with impunity.*

Fis-sentenza tieghu fil-kawza '**In Re Bramblevale Limited'** (1970) Lord Denning ikompli jfisser u jkompli jinkwadra n-natura tal-istitut hekk:

*"This kind of contempt has the characteristics which are common to all contempts of court.* ***It is a criminal offence. It must be proved beyond reasonable doubt".***

Illi fis-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet '**Reno u Joan Pace vs Alexander Attard et**', deciza nhar l-14 ta' Lulju 1995 inghad illi:

*"Huwa minnu li entitajiet legali ma jistghux min-natura taghhom infushom jkunu responsabbli ghal delitti jew kwazi delitti, u ghalhekk il-kundanna kontra taghhom trid issir tramite l-persuna li ghandu r-responsabilita` biex jagixxi ghan-nom taghhom. Dan huwa ntiz pero` proprju biex tigi evitata eccezzjoni f'dan is-sens u dana a skapitu ta' l-individwu li jkun soffra d-danni naxxenti minn dak id-delitt jew kwazi delitt ta' responsabilita` meta wiehed jasal ghall-kundanna, trid issir distinzjoni bejn dawk il-kazijiet fejn il-kundanna trid ta' bilfors tkun personali bhal ma hija fil-kamp penali u dawk il-kazijiet fejn il-kundanna hija civili u fejn l-effetti taghha mhumiex distinti bl-ebda mod mill-effetti naxxenti mill-kawzi l-ohra li permezz taghhom jigu krejati l-obbligi civili (cioe` l-kuntratti u l-kwazi kuntratti). Meta ghalhekk dan l-effett huwa identiku u jikkonverti ruhu fi hlas ta' somma ghad-danni, m'ghandux ikun hemm ebda distinzjoni bejn kundanna ghall-hlas ta' danni rizultanti minn kawza ta' obbligu kuntrattwali u dak rizultanti minn responsabilita` delittwali".* (vide ukoll f'dan ir-rigward '**Albert Mizzi noe vs George Schembri**', deciza nhar l-4 ta' Frar, 1992).

Illi permezz tal-**Artikolu 4 (d) ta' l-Att dwar l-Interpretazzjoni (Kap 249)** il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni

li "persuna" ghall-finijiet tar-responsabilita` delittwali tinkludi wkoll socjeta` kummercjali.

Illi ghalhekk il-principju hu ben stabbilit li socjeta` kummercjali tista' tinstab responsabbli ghal delitt jew kwazi delitt. Dak li ghadu pjuttost diskutibbli fil-gurisprudenza huwa jekk l-att li ta' lok ghad-danni ghandux ikun *ultra vires* jew *intra vires*. Illi pero` fil-kaz prezenti m'hemm l-ebda dubju illi l-att li allegatament ikkaguna d-disprezz lejn l-awtorita` ta' din il-Qorti u cioe` li allegatament is-socjeta' intimata injorat ordni tal-Qorti hu *intra vires* l-ghanijiet tas-socjeta` intimata.

**Illi ghalhekk fid-dawl tas-suespost partikolarment f'dak li gie rilevat fis-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet '<u>Registratur tal-Qrati Superjuri vs Silvio Camilleri et</u>', deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar is-17 ta' Jannar 2001, din il-Qorti qieghda tichad l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' intimata u tordna il-prosegwiment tal-kawza fil-konfront taghha.**

**L-ispejjez rizervati ghall-gudizzju finali.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------